IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 01-2019(02_07_19)**

**2 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sa Carmela Parnis - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sa Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sa Carmela Parnis, il-Kunsillier l-aktar anzjan.

**01.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

01.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li aktar kmieni kien irċieva *sms* mingħand is-Sa Sonja Abela fejn infurmatu li ma hijiex ser tlaħħaq minħabba li qiegħda xogħol Malta. Hija ġiet skużata.

**01.2 L-aċċettazzjoni tal-kariga mis-Sindku**

01.2.1 Is-Sur Damien Spiteri ntalab jikkonferma jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Huwa aċċetta u ffirma l-aċċettazzjoni tal-kariga bħala Sindku.

**01.3 L-aċċettazzjoni tal-kariga mill-Viċi Sindku**

01.3.1 Is-Sa Carmela Parnis intalbet tikkonferma jekk taċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Hija aċċettat u ffirmat l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku.

**01.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

01.4.1 Il-laqgħa aġġornat fis-6:00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 4 ta' Lulju 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 02-2019(04_07_19) li nżammet nhar il-Ħamis, 4 ta' Lulju 2019.

**IFFIRMATA**

Damien Spiteri
Sindku